MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Numru. 853/2005

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)

vs
Kevin Tonna
Darren Tonna

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Kevin Tonna ta’ 21 sena, imwieled Pieta nhar it-23 ta’ Jannar 1984 bin Joseph u Rita nee’ Micallef, u residenti Nru 357, Triq Fleur De Lys, Birkirkara, detentur ta’ Karta ta’ l-identita Nru 92984(M) u Darren Tonna, ta’ 16 il-sena, imwieled Pieta nhar il-10 ta’ Settembru, 1989, bin Joseph u Rita nee’ Micallef, u residenti Nru 357, Triq Fleur De Lys, Birkirkara, detentur ta’ karta ta’ l-identita Nru. 415989(M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar is-26 ta’ Settembru, 2005 ghall-habta tad-9.00p.m. gewwa Birkirkara u f’dawn il-gzejjer :

1. volonarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAM 513 ghad-dannu ta' Stephen Vassallo u terzi ohra, liema hsara teccedi il-hames mitt lira u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. volontarjament kisru il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai termini tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. qalu kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagha u dan ai terminu tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Stephen Vassallo torbot l-imputati Kevin Tonna u Darren Tonna b'dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fsothom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 27 ta' Settembru, 2005 sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputati din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (a folio 7 tal-process.)

Semghat lill-impuati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq referita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-27 ta' Settembru, 2005 ai termini ta' l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (a folio 8 u 9 tal-process).

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-12 ta' April, 2007 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta u cioe' wara lil-imputati wiegbu li huma hatja din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk irdu jergghu

lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni ta’ l-istess imputati l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati Kevin Tonna u Darren Tonna hatja ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. Il-fatt li l-parti civili, u cioe’ l-vittma f’din il-kawza, rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti ta’ l-imputati u fil-fatt intlahaq ftehim bejniethom fejn l-imputati obbligaw ruhhom li jhallsu lil parti civili is-somma ta’ LM545.00 b’dan illi huma ser izommu ir-wreck tal-vettura in kwistjoni.
2. Il-fatt li l-imputati kkoperaw bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet;
3. Il-fedina penali netta taz-zewg imputati minn fejn jirrizulta li huma m’ghandhom ebda tebgha ta’ reat rregistrat fuqha u ghaldaqstant ghandhom jigu trattati bhala *first time offenders*.
4. L-eta ta’ l-imputati Darren Tonna fil-mument li gew kommessi r-reati in kwistjoni.
5. Tenut kont tal-fatt li l-imputati ser izommu r-wreck tal-vettura in kwistjoni l-ammont ta’ hsara involuta huwa anqas minn LM500.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 338(dd), 338(bb), 17, 28A u 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u tikkundannahom ghal prigunerija ta’ hames (5) xhur sospiza ghal sena millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hatja bi kliem car bir-responsabilita’ taghhom skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lill-hatja sabiex ihallsu lil Stephen Vassallo is-somma ta' LM 545.00 fi zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hatja bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jonqsu milli jaghmlu dan il-hlas fiz-zmien preskritt.

Il-Qorti rat ukoll l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u torbot lill-imputati taht obbligazzjoni personali ta' mitt lira Maltin Lm100 kull wiehed ghal zmien tnax-il xahar millum milli jkellmu, jimmolestaw u jivvessaq lil Stephen Vassallo u lill-familja tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------